MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 1077/2004

**Muscats Motors Limited**
**(C 420)**

**Vs**

**Tonio Ciantar**
**(ID 469269 M) u Sunflower Commercial Services Limited (C 23218)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta` Mejju, 2004, fejn gie mitlub li l-konvenuti jew min minnhom ghandhom jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba` mija u wiehed u hamsin lira, hamsa u ghoxrin centezmu (Lm451.25), rapprezentanti prezz ta` parts u tiswijiet fil-vettura BMW 318i numru ta` registrazzjoni MCS 001, kif jirrizulta minn dokument anness u mmarkat Dok. A.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mit-12 ta` Frar, 2003 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 18 ta` Gunju, 2004, fejn fl-ewwel lok allegaw nuqqas ta` relazzjoni guridika bejn l-atturi u l-konvenuti u fit-tieni lok, ebda ammont ma jista` jkun dovut stante li x-xoghol in kwistjoni kien jikkonsisti f'tentattiv li falla biex jigi rimedjat difett inerenti fl-istess vettura.

Bl-ispejjez kontra l-atturi ngunti in subizzjoni.

B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra li l-partijiet kollha gew notifikati bir-riappuntament tal-kawza in segwitu ghall-astensjoni li kienet saret mill-Gudikant li beda jisma` l-kawza.

Ezamina d-dokument ezebit ma` l-avviz.

Ikkunsidra.

Illi l-avukat Dr Louis Thompson prodott mis-socjeta` attrici kkonferma bil-gurament tieghu illi l-ammont mitlub f'din il-kawza ta` €1051.41 (Euros) gia` Lm451.25, kif jidher li huwa dovut skond Dok. A a fol. 3 tal-process kien baqa` ma thallasx. Illi minn dan id-dokument pero` ghandu jirrizulta li l-kont kien indirizzat lil certu Mr. T Ciantar u lis-socjeta` N. Ciantar & Sons Ltd u kwindi s-socjeta` mharka f'dawn il-proceduri ma tidhirx li ghandha x'taqsam. Jigi notat ukoll li ghalkemm dan id-dokument jindika li s-somma ta` €1051.41 (Euros) gia` Lm451.25, tinsab imhalsa pero` l-avukat Dr. Thompson bil-gurament tieghu kkonferma l-kuntrarju. Barra minnhekk il-konvenuti naqsu li jidhru u wisq anqas li jressqu l-provi taghhom in sostenn tar-risposta pprezentata minnhom f`liema risposta ma giex fil-fatt sollevat il-punt tal-pagament.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` l-ewwel eccezzjoni fil-konfront biss tas-socjeta` kummercjali Sunflower

Commercial Services Limited u jilliberha mill-osservanza tal-gudizzju, kwindi jirrispingihom ghall-kumplament u konsegwentement jilqa` t-talba attrici kif fuq spjegat u jikkundanna lill-konvenut Tonio Ciantar sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` €1051.41 (Euros) gia` Lm451.25, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut Tonio Ciantar, hlief ghal dawk konnessi mas-socjeta` konvenuta li ghandhom jibqghu a karigu tas-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------